

31999R1373

26.6.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 162/47

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1373/1999

tal-25 ta' Ġunju 1999

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2848/98 fis-settur tat-tabakk mhux maħdum u li jiffissa l-limitu tal-kwantitajiet tal-garanziji li jistgħu jiġu trasferiti għal grupp ieħor ta' varjetajiet għall-ħsad ta' l-1999**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fit-tabakk mhux maħdum <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 660/1999 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 9(4) tiegħu,

(1) Billi li l-punt C ta' l-Anness V li jinsab mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2848/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 fir-rigward ta' l-iskema tal-*premium*, il-kwoti ta' l-produzzjoni u l-ghajjnuna speċifika li għandha tingħata lill-gruppi ta' produttori fis-settur tat-tabakk mhux maħdum <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 731/1999 <sup>(4)</sup>, jeskludi mill-*premium* varjabbli lottijiet mibjugħa għal prezz bejn il-prezz minimu u l-prezz minimu miżjud b'40 % għal kull grupp ta' varjetajiet imkabbra minn grupp ta' produttori;

(2) Billi inġib għall-attenzjoni tal-Kummissjoni li hemm tabakk ta' valur kummerċjali baxx ħafna li mhux sejjer ikun eliġibbli għall-parti varjabbli tal-*premium* kif preskritt fil-punt C ta' l-Anness V li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2848/98; billi, minħabba dan il-valur kummerċjali baxx, għandu jkun possibbli li jiġu esklużi kategoriji oħrajn ta' kwalità fqira ta' tabakk bi prezz kummerċjali 'l fuq mill-prezz minimu miżjud b'40 % mid-dritt tal-*premium* varjabbli; billi l-punt C imsemmi qabel ta' l-Anness V għandu jiġi emendat biex ikun jippermetti lil kull Stat Membru, għall-ħsad ta' l-1999, li jgħolli l-limitu li bih it-tabakk hu eskluż mill-*premium* varjabbli sabiex iħares aħjar il-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tat-tabakk f'kull Stat Membru;

(3) Billi l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92 introduċa kwoti ta' produzzjoni għal gruppi differenti ta' varjetajiet tat-tabakk; billi l-kwoti ndividwali kienu mqassma bejn il-produtturi fuq il-bażi tal-limiti tal-garanzija għall-1999 iffissati fl-Artikolu 3 tar-Regola-

ment (KE) Nru 660/1999; billi skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KEE) Nru 1075/92 il-Kummissjoni tista' tawtorizza lill-Istati Membri li jittrasferixxu partitjiet mill-allokazzjonijiet tal-limiti tal-garanzija lill-gruppi ta' varjetajiet oħrajn; billi dawn it-trasferimenti ma jgħolqux spejjeż addizzjonali lill-EAGGF u ma jinvolvux xi żieda fl-allokazzjonijiet tal-limiti tal-garanzija globali ta' l-Istati Membri;

(4) Billi dan ir-Regolament għandu japplika qabel il-limitu ta' żmien għall-konklużjoni tal-kuntratti ta' kultivazzjoni preskritti fl-Artikolu 55(3) tar-Regolament (KE) Nru 2848/98;

(5) Billi l-miżuri li għalihom jipprovdni dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tat-Tabakk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Għall-ħsad ta' l-1999, skond l-Artikolu 22(4) tar-Regolament (KE) Nru 2848/98, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jittrasferixxu l-limiti tal-kwantitajiet tal-garanzija preskritti fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament minn grupp wieħed ta' varjetajiet għall-ieħor.

## Artikolu 2

Is-sentenza li ġejja hija miżjuda mal-punt C ta' l-Anness V li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2848/98:

"Iżda, għall-ħsad ta' l-1999 kull Stat Membru jista', qabel it-30 ta' Lulju, jiffissa rata ta' iktar minn 40 % biex jiżdied mal-prezz minimu."

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

<sup>(1)</sup> ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 70.

<sup>(2)</sup> ĠU L 83, tas-27.3.1999, p. 10.

<sup>(3)</sup> ĠU L 358, tal-31.12.1994, p. 17.

<sup>(4)</sup> ĠU L 93, tat-8.4.1999, p. 20.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Ġunju 1999.

*Għall-Kummissjoni*  
 Franz FISCHLER  
*Membru tal-Kummissjoni*

ANNEX

**Il-limiti tal-kwantitajiet tal-garanzija li kull Stat Membru hu awtorizzat li jittrasferixxi minn grupp wieħed ta' varetajiet għall-ieħor**

Stat Membru	Grupp tal-varjetajiet li minnhom isir it-trasferiment	Grupp ta' varjetajiet li lilhom isir it-trasferiment
Italja	114,6 t ta' Katerini (Grupp VII)	114,6 t ta' immixxef bis-sħana (Grupp I)
	193 t of Katerini (Grupp VII)	193 t of hafif immixxef bl-arja (Group II)
	144,4 t ta' Katerini (Group VII)	144,4 t ta' skur immixxef bl-arja (Grupp III)
Greċja	27 t ta' Kaba Koulak (Group VIII)	22,7 t ta' immixxef bis-sħana (Grupp I)
Spanja	3 191 t ta' skur immixxef bl-arja (Grupp II)	3 191 t ta' ħafif immixxef bl-arja (Grupp I)
	84 t ta' skur immixxef bl-arja (Grupp III)	67,2 t ta' immixxef bis-sħana (Grupp I)
Portugall	200 t ta' ħafif immixxef bl-arja (Grupp II)	160 t ta' immixxef bis-sħana (Grupp I)
Ġermanja	1 317 t ta' ħafif immixxef bl-arja (Grupp II)	1 234 t ta' immixxef bis-sħana (Grupp I)
	196 t ta' skur immixxef bl-arja (Grupp III)	165 t ta' immixxef bis-sħana (Grupp I)